**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 10 ta' Mejju 2016**

**Rikors Numru 30/2014**

**Raymond Barbara**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Raymond Barbara** ipprezentat fit-18 ta' Marzu 2014 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi l-esponent kien applika sabiex tinhareg licenzja ta' Gwardjan Privat. Illi permezz ta' ittra datata 20 ta' Frar 2014 mahruga mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija, it-talba tal-esponent giet michuda: Dok A.*

*Illi l-esponent hass ruhu ferm aggravat minn din id-decizjoni u b'hekk qed jipprezenta s-segwenti appell.*

*Illi fir-rigward il-fatti dawn jikkonsistu mill-fatt fejn jidher li l-esponent kien involut f'sitwazzjoni fejn, bhala konsegwenza, il-kondotta tieghu ma baqghetx netta. Illi minhabba f'hekk, l-appellant mhux f'pozizzjoni jipprezenta certifikat ta' kondotta netta u qed jigi impedut milli jsib xoghol f'dan il-kamp. Illi l-konsegwenza hi tali li l-familja tieghu qed tbati bhala rizultat.*

*Illi l-appell hu car u manifest u jikkonsisti mis-segwenti u cioe`:-*

1. *Illi hija ferm ingusta li, minhabba incident, l-esponent mhux qed isib l-opportunita` li jahdem fil-mistier tieghu bhala gwardjan.*

2. *Illi di piu, is-sitwazzjoni hija ferm punittiva fil-konfront tal-esponent li jixtieq jahdem u mhux qed jigi moghti l-opportunita` li jahdem. Illi s-sitwazzjoni hi aggravata mill-fatt illi hu ghandu t-tfal x'jiehu hsieb u bid-diffikultajiet li hawn prezentement biex wiehed jghix, is-sitwazzjoni qed tressqu fix-xifer ta' disperazzjoni.*

3. *Illi di piu, u minghajr pregudizzju, dan l-agir tramite kull riferenza ghal xi regolament jikser id-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif protett sija mill-artikolu 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll kontra l-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

4. *Illi minghajr pregudizzju, ghandu jinghad li s-suespost bl-ebda mod m'ghandu jigi kkunsidrat bhala ezawrenti.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, filwaqt li l-esponent qed jaghmel riferenza ghall-atti kollha, qed jitlob umilment it-Tribunal jikkonsidra favorevolment it-talba tieghu biex jinghata favorevolment il-licenzja mehtiega biex ikun jista' jahdem bhala gwardjan billi jhassar, jirrevoka u jikkancella d-decizjoni negattiva li nghatat mill-Awtorita` kompetenti billi tiddikjara illi l-esponenti jinghata licenzja ta' gwardjan."*

Ra r-risposta **<u>tal-Kummissarju tal-Pulizija</u>** datata 15 ta' April 2014 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"ILLI għal kull buon fini jingħad illi l-Kummissarju tal-Pulizija ġie notifikat bir-rikors fit-28 ta' Marzu 2014 iżda għada ma saret l-ebda notifika ta' dan ir-rikors lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ai termini* ***subartikolu 3 ta`*** *l-****Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta` Malta*** *u għalhekk it-terminu ta` għoxrin jum skont dan l-istess subartikolu għadu ma bediex jiddekorri ġialdarba ma saritx tali notifika;*

*ILLI preliminarjament jingħad illi fir-rikors promotur m'hemm l-ebda lista tax-xhieda indikata skont kif mitlub ai termini tal-****artikolu 15 (2)(d) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva - [Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta]*** *u għalhekk l-esponent jitlob li tiġi indikata lista tax-xhieda li ser jinġiebu mill-Appellant fil-kawża odjerna;*

*ILLI l-esponent Kummissarju tal-Pulizija, jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana għaliex għal kuntlarju ta' dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jagħtix ir-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent, kif ser jiġi muri u spjegat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

*ILLI mingħajr preġudizzju għal dak suespost, l-istess esponent jixtieq jirrispondi għal argumenti posti fir-rikors tar-rikorrent li bl-akbar rispett jingħad li huma infondati;*

*ILLI l-esponent jirrileva illi kien hemm raġunijiet validi skont il-liġi li fuqhom ġiet ibbażata d-deċiżjoni ta' rifjut maħruġa mill-istess esponent fil-konfront tar-rikorrent Raymond Barbara ai termini tal-***artikolu 10 (a) (i)** *u ċioe' minħabba sentenza datata 11 ta' Ġunju 2003 peress illi r-rikorrent instab ħati inter alia li kkawża ferita ta' natura gravi fuq persuna, u kif ukoll stante illi mhux fl-interess pubbliku li tinħareġ il-liċenzja ai termini tal-***Artikolu 10 (b) tal-Att Dwar il-Gwardjani Privati u Lokali [Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta]***. Jingħad illi l-esponent ser iġib ukoll provi fil-mori tas-smigħ ta` dan ir-rikors, li ser juru eżattament għaliex inħass illi mhux fl-interess pubbliku li tinħareġ liċenzja lir-rikorrent;*

*ILLI fir-rigward kemm tal-ewwel u kemm tat-tieni aggravju jingħad illi ma jfissirx illi għaliex ma jistax jingħata liċenzja ta' gwardjan privat ir-rikorrent huwa prekluż li jagħmel kull tip ta' xogħol, iżda jfisser* ***<u>biss</u>*** *illi ma jistax jagħmel xogħol ta' gwardjan privat propju minħabba li anke l-liġi stess ma tippermettix li persuna li kkommettiet ċertu reati taħdem dan it-tip ta' xogħol. Jekk hemm xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol u għalhekk s-sitwazzjoni tiegħu ma tistax titqies li hi tort tal-esponenti. Għalhekk l-esponenti qiegħed jiċħad dawn l-allegazzjonijiet fiergħa fl-intier tagħhom;*

*ILLI* ***<u>mingħajr preġudizzju</u>*** *għas-suespost u għal provi li ser jinġiebu fil-mori tar-rikors u l-eventwali trattazzjoni, jingħad illi* ***Artikolu 10 (a) (i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta*** *ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda* ***<u>jimponi obbligu fuq il-Kummissarju</u>*** *li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli* ***10(a)(i) sa (vi) ta` l-istess Kap389.*** *Fil-każ odjern, permezz ta' sentenza datata 11 ta' Ġunju 2003 fl-ismijiet* ***<u>Il-Pulizija (Sp. Carlo Ellul) vs Raymond Barbara u Silvio Pace</u>****, r-rikorrent Raymond Barbara instab ħati li kkaġuna ġrieħi ta' natura gravi (per natura) fuq persuna liema delitt jaqa' taħt iċ-ċirkostanzi li taħthom il-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja ta' Gwardjan Privat skont* ***Artikolu 10 (a) (i) tal-Kap 389;***

*ILLI di piu' jintqal illi r-rikorrent hu konxju sew tal-fatt illi huwa instab ħati ta' delitt ta' natura gravi fuq il-persuna u minħabba f'hekk ma tistax tinħariġlu l-liċenzja. Jingħad illi dan joħroġ ċar mil-liġi u jekk l-esponent jidhirlu li dina qed ittelliflu xi opportunita' li jsib xogħol f'dan il-qasam, kif ġie ndikat minnu fl-aggravji li ressaq, dan it-Tribunal mhuwiex il-forum kompetenti. Jiġi relevat ukoll illi dan it-Tribunal lanqas ma huwa kompetenti sabiex jiddeċiedi fuq ksur tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u għalhekk it-tielet aggravju m'għandux jiġi kkunsidrat minn dan l-Onorabbli Tribunal;*

*ILLI inoltre' minħabba dak suespost u kif ukoll ix-xorta ta' reati li jinsabu fil-fedina penali tal-appellant Barbara, l-esponent ħass illi ma kienx lanqas fl-interess pubbliku li tinħareġ din it-tip ta' liċenzja kif ser jiġi anke muri waqt it-trattazzjoni tar-rikors;*

*ILLI għalhekk fid-dawl ta' dak kollu suespost il-Kummissarju tal-Pulizija dehrlu ġustament li kellu jirrifjuta l-ħruġ ta' liċenzja ta' gwardjan privat ai termini tal-***Artikolu 10(a)(i)** *lir-rikorrenti u dehrlu illi lanqas ma kien fl-interess pubbliku illi*

*tinħareġ il-liċenzja ta' gwardjan privat ai termini tal-**Artikolu 10 (b) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

***Għ**aldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi u oħrajn li jistgħu jinġiebu fil-mori ta' dan ir-rikors l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Sema' x-xhieda tar-rikorrent[1] u tal-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi,[2]

Ra d-dokumenti kollha ipprezentati;

Ra illi fis-seduta tat-28 ta' April 2015 id-difensur tar-rikorrent talab differiment fit-tul peress li r-rikorrent kien se jipprezenta petizzjoni lill-Eccellenza Taghha il-President ta' Malta u li sas-seduta tal-15 ta' Marzu 2016 it-Tribunal ma giex infurmat li kien hemm xi tip ta' ezitu dwar l-istess petizzjoni;

Ra il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu 2016 fejn dan it-Tribunal ikkonceda lill-partijiet jaghmlu nota ta' sottomissjonijiet u r-rikors thalla ghas-sentenza ghal-lum;

Ra in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju intimat ipprezentata fis-6 ta' Mejju 2016;

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 20 ta' Frar 2014 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"B'riferenza ghall-applikazzjoni tieghek ghal-licenzja ta' Gwardjan Privat, jiddispjacini ninfurmak, illi l-applikazzjoni tieghek qieghda tigi rifjutata ai termini tal-Artikolu 10 (a) (i) minhabba sentenza datata 11 ta' Gunju, 2003, u 10 (b) fl-interess pubbliku tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ninfurmak ukoll illi jekk inti jidhirlek li ghanda tinhareg licenzja f'ismek, inti tista' tappella minn din id-decizjoni, billi fi zmien xahar kalendarju minn meta tircievi dan l-avviz, tipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u dan skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 11 (3) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta."*

[1] A fol. 24 sa 25 u a fol. 64 sa fol. 66
[2] A fol. 30 sa fol. 34 u a fol. 40 sa fol. 43 u fol. 50

**Ir-rikorrent** spjega illi huwa prezentement ma jahdimx u ghandu familja b'hamest itfal x'imantni. Jghid li fl-2003 kien dahal bejn il-basla u qoxritha u spicca f'incident mas-sieheb ta' gara tieghu. Jghid li hu tghallem minn dan l-izball u peress li ma tantx jaf skola l-uniku xoghol li sab huwa xoghol ta' gwardjan privat. In kontro-ezami ir-rikorrent ammetta illi barra l-incident tal-2003 huwa kien ikkundannat ghal numru ta' reati ohra fosthom serq u li kkaguna griehi hfief fuq ommu.

**L-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi** xehdet illi abbazi tad-diversi sentenzi moghtija fil-konfront tar-rikorrent, il-Kummissarju intimat hass li kellu jirrifjuta l-ghoti tal-licenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent. Tistqarr illi jekk wiehed jara x'servizzi jistghu jigu offruti mill-gwardjani privati wiehed jifhem illi persuna li tkun qed tezercita dan it-tip ta' xoghol irid ikun persuna ta' karattru affidabbli. Spjegat illi in vista tar-reat ta' feriti gravi kommess fl-2003 il-Kummissarju intimat kien obbligat li jirrifjuta l-ghoti tal-licenzja *de quo*.

**Ikkunsidra:**

Illi fir-risposta ipprezentata mill-Kummissarju intimat hemm zewg eccezzjonijet ta' natura preliminari li jistghu jigu sorvolati immedjatament. L-ewwel wahda tirrelata mal-fatt illi l-Avukat Generali ma giex notifika ai termini tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-eccezzjoni giet irtirata fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2014. It-tieni eccezzjoni hija fis-sens li r-rikorrent ma pprezentax lista ta' xhieda. F'dan ir-rigward ir-rikorrent ghalkemm inghata cans biex jipprezenta tali nota, l-istess baqghat ma gietx esebita. Madankollu t-Tribunal jirrileva illi l-uniku xhud li pproduca r-rikorrent kienet ix-xhieda tieghu innifsu u ghaldaqstant l-intimat ma giex ppregudikat b'dan in-nuqqas.

Illi sorvolati dawn iz-zewg kwistjonijiet, it-Tribunal se jinvesti issa l-mertu tar-rikors. Mill-atti jirrizulta illi l-Kummissarju intimat cahad l-applikazzjoni tar-rikorrenti abbazi kemm tal-artikolu 10 (a) (i) u kemm tal-Artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 (Att Dwar Gwardjani Lokali u Privati). Artikolu 10 (a) (i) u (b) jghidu is-segwenti:-

*"Il-Kummissarju* ***għandu***[3] *jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

[3] Enfasi tat-Tribunal

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant –*

*(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' omiċidju volontarju jew* ***ta' offiża gravi fuq il-persuna*** *jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor;*
........

***(b) meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza.***"

Illi mis-sentenza esebita mill-Kummissarju intimat[4] datata 11 ta' Gunju 2003 jirrizulta illi r-rikorrenti u certu Silvio Pace gew akkuzati fost affarijiet ohra ta' offiza gravi fuq il-persuna u garr ta' sikkina minghajr licenzja tal-Pulizija,

Illi mill-istess sentenza jirrizulta illi r-rikorrent kien ammetta l-imputazzjonijiet u gie kkundannat ghall-piena ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn.

Illi ghalhekk, fost l-imputazzjonijiet riportati fis-sentenza esebita a fol. 45 u datata 11 ta' Gunju 2003 jirrizulta illi, fost reati ohra, ir-rikorrent wettaq offiza gravi fuq il-persuna ta' Loreto Bonello. Dan ir-reat certament jaqa' fil-parametri tal-artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa kif gie enfasizzat iktar 'il fuq, artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 ma jhalli l-ebda tip ta' diskrezzjoni fuq il-Kummissarju tal-Pulizija meta jigi biex jiddeciedi jekk applikazzjoni ghal licenzja gdida ta' gwardjan privat jew tigdid tal-istess licenzja tintlaqghax jew le. Skond l-artikolu citat, il-Kummissarju tal-Pulizija **ghandu d-dmir** li jirrifjuta tali applikazzjoni.[5]

Illi ghalhekk, ghalkemm dan it-Tribunal jista' jikkoncedi li persuna tista' tkun irriabilitat ruhha u zammet 'il boghod minn dawn il-Qrati, huwa ghal kollox inutili li wiehed jishaq li l-Kummissarju jista' jezercita d-diskrezzjoni tieghu mod iehor, ghax fil-verita` tali diskrezzjoni, fejn si tratta ta' rifjut abbazi tar-reat ta' offiza gravi fuq il-persuna, ma tezistix. It-Tribunal jifhem li r-rikorrent qieghed jipprova jtejjeb il-hajja tieghu u tal-familjari tieghu billi jfittex xoghol. Pero` biex wiehed jinghata l-

---

[4] Dok SZ4 a fol 45 sa 47

[5] L-uniku diskrezzjoni li ghandu l-Kummissarju intimat hu meta si tratta ta' "reat gravi iehor" li ma jaqghax fost dawk elenkati fl-istess artikolu 10 (a) (i).

licenzja ta' gwardjan privat ma jistghax ikun ikkommetta xi wiehed mir-reati elenkati f'artikolu 10 (1) (a) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fic-cirkostanzi, it-Tribunal, huwa tal-fehma illi l-Kummissarju intimat uza d-diskrezzjoni fdata f'idejh b'mod ragjonevoli u li l-argumenti mressqa iktar 'il fuq japplikaw ukoll ghar-rifjut taht l-artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta. Min-naha l-ohra it-Tribunal japprezza wkoll illi r-reati mwettqa fit-tmeninijiet gew hekk imwettqa meta r-rikorrenti lanqas kien ghadu ghalaq ghoxrin sena. Illi pero` dan bl-ebda mod ma jista' jeghleb dak li tassattivament tesigi l-ligi. Ghaldaqstant, it-Tribunal, filwaqt li jifhem sew il-hegga li r-rikorrent ghandu biex jahdem bhala gwardan privat, ma jistghax jinjora dak dettat mil-ligi. U ghalhekk, tenut kont tad-decizjonijiet kollha fil-konfront tar-rikorrent, it-Tribunal huwa tal-fehma illi d-decizjoni tal-Kummissarju intimat hija wahda valida ghall-effetti kollha tal-ligi.

Illi fl-ahharnett it-Tribunal josserva illi r-rikorrent, fir-rikors promutur, isemmi li l-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija jikser id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem kif protetti sia mill-artikolu 36 u kif ukoll mil-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll kontra l-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem. It-Tribunal jirrileva illi tali ilment ma jistghax jigi sindikat minnu tenut kont tal-gurisdizzjoni limitata tieghu.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell imressaq mir-rikorrent mid-decizjoni tal-istess Kummissarju datata 20 ta' Frar 2014.

Bl-ispejjez a karigu tar-rikorrent.

____________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**